

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-promozzjoni tal-kreattività, l-intraprenditorija u l-mobbiltà fl-edukazzjoni u t-taħriġ”

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2015/C 332/03)

Relatur: is-Sinjura Vladimíra DRBALOVÁ

Nhar is-16 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mar-Regola 29 (2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

“Il-promozzjoni tal-kreattività, l-intraprenditorija u l-mobbiltà fl-edukazzjoni u t-taħriġ”

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar is-7 ta' Mejju 2015.

Matul il-508 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-27 u t-28 ta' Mejju 2015 (seduta tas-27 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'88 vot favur, 8 voti kontra u 21-il astensjoni.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jappoġġja inizjattiva konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tat-Triju ta' Presidenzi tal-Kunsill Ewropew biex issir enfasi fuq l-intraprenditorija fl-edukazzjoni ⁽¹⁾ u titrawwem mentalità intraprenditorjali fl-Ewropa.

1.2. Il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri jagħmlu użu mill-Qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) ibbażat fuq l-aġenda ta' Oslo tal-2006, li għadu validu ħafna.

1.3. Il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri jiżviluppaw l-istrateġiji ta' edukazzjoni intraprenditorjali tagħhom stess jew jinkorporaw il-kunċett intraprenditorjali fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom ta' taħlim tul il-ħajja.

1.4. Il-KESE jitlob li gradwalment jiġu żviluppati kompetenzi prinċipali kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-PE u tal-Kunsill (2006) ⁽²⁾ bil-għan li jsir għal titjib fl-adattabbiltà, il-kapaċità għall-impjeg, l-inklużjoni soċjali u l-mobbiltà.

1.5. Traineeships ta' kwalità għolja, taħriġ intern (internships), apprendistati, sistemi ta' taħriġ doppju jew ibbażat fuq ix-xogħol, start-ups u programmi inkubatur, il-volontarjat, u l-attivitajiet sportivi jistgħu jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mill-iskola għall-impjeg jew impjeg indipendenti.

1.6. Il-proċeduri għar-rikonoxximent tal-għarfien miksub barra mill-iskola jeħtieġ li jiġu mtejba u l-istudenti, l-edukaturi u l-impjegaturi għandhom jiġu involuti fit-tfassil tal-proċessi ta' rikonoxximent u jiġu mmotivati minnhom ⁽³⁾.

1.7. Madankollu, l-edukazzjoni intraprenditorjali jeħtieġ titqies fil-kuntest tas-soċjetà b'mod ġenerali, mhux biss f'dik tal-ambjent tan-negozju. Il-ħiliet intraprenditorjali għandhom jiġu indirizzati b'mod adegwat fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, sa minn età bikrija, b'mod li jippermetti l-iżvilupp kontinwu tagħhom fi ħdan il-kurrikulu kollu.

⁽¹⁾ Ara d-definizzjoni fil-punt 5.3.

⁽²⁾ Rakkomandazzjoni tat-18 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 394, 30.12.2006, p. 10).

⁽³⁾ ĠU C 214, 8.7.2014, p. 31.

1.8. Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-KE indirizzata lill-Istati Membri biex jiżviluppaw qafas ta' referenza tal-kompetenzi għall-intraprenditorija fil-kuntest tal-Qafas ta' Kompetenzi Ewlenin. Dan jgħin sabiex jiġi żgurat approċċ koordinat flivvelli differenti ta' edukazzjoni u tittieħed kunsiderazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali.

1.9. Il-KESE jitlob lill-Istati Membri biex jintroduċu programm għal għalliema, ħarrieġa u mexxejja edukattivi li jkun iffukat fuq l-iżvilupp ta' ħiliet u attitudnijiet intraprenditorjali. Sadanittant, stabbilimenti edukattivi għandhom joffru ambjenti ta' tagħlim li jippromovu l-mentalità intraprenditorjali u li jkunu miftuħa għall-komunità usa'.

1.10. Il-KESE jixtieq jenfasizza l-importanza tas-sħubija fost partijiet interessati differenti – l-amministrazzjonijiet tal-Istat, skejjel, kumpaniji, servizzi tal-impjegi u familji – u jenfasizza b'mod partikolari r-rwol tal-imsieħba soċjali fl-iżvilupp ta' kompetenzi professjonali u trasversali li huma adattati għar-realtà.

1.11. Il-KESE jitlob lill-Istati Membri biex jużaw il-programmi u l-għodod disponibbli kollha li jappoġġjaw l-intraprenditorija fl-edukazzjoni u t-taħriġ, il-kreattività, l-innovazzjoni u l-mobbiltà. Il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni sabiex tippovdi lill-Istati Membri b'appoġġ u għajjnuna xierqa fl-implimentazzjoni tal-programm Erasmus+, filwaqt li tiżgura li l-istrumenti kollha tagħha jiffunzjonaw b'mod xieraq.

2. Il-qafas politiku Ewropew

2.1. Waħda mill-prijoritajiet tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-26-27 ta' Ġunju 2014, kif stabbilit fl-Anness I, *Strategic aġenda for the Union in times of change* (L-aġenda strateġika għall-Unjoni fi żminijiet ta' bidla)⁽⁴⁾, kienet li tingħata għajjnuna għall-iżvilupp tal-ħiliet, u li jiġi sfruttat it-talent u bidliet tal-ħajja għal kulħadd permezz tal-promozzjoni tal-ħiliet adatti għall-ekonomija moderna u t-tagħlim tul il-ħajja.

2.2. Sabiex tikkontribwixxi għar-reviżjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020, il-Presidenza Taljana⁽⁵⁾ nediet diskussjoni politika dwar ir-rwol futur tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-aġendi tat-tkabbir nazzjonali u tal-UE. Il-Presidenza Latvjana qed tkompli wkoll tippromovi l-opportunitajiet diġitali u tippromovi l-edukazzjoni intraprenditorjali, b'mod partikulari fuq livell reġjonali⁽⁶⁾.

2.3. Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2014⁽⁷⁾, il-Kunsill għaż-Żgħażaġħ, l-Edukazzjoni, il-Kultura u l-Isport enfasizza li kemm l-intraprenditorija kif ukoll l-edukazzjoni huma prijoritajiet tal-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. L-iżvilupp ta' mentalità intraprenditorjali jista' jkollu benefiċċji konsiderevoli għaċ-ċittadini fil-ħajja professjonali tagħhom.

3. Kummenti ġenerali

3.1. L-enfasi fuq l-edukazzjoni intraprenditorjali tirrappreżenta ritorn lejn **L-Aġenda ta' Oslo għall-Edukazzjoni Intraprenditorjali fl-Ewropa**⁽⁸⁾, filwaqt li ssaħħaħ il-promozzjoni ta' mentalità intraprenditorjali fis-soċjetà, u **L-Qafas Strateġiku għall-Kooperazzjoni Ewropea fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ (ET 2020)**⁽⁹⁾.

3.2. Il-kreattività u l-innovazzjoni huma kruċjali għall-iżvilupp tal-intrapriżi u għall-kapaċità tal-Ewropa biex tikkompeti internazzjonalment. L-investment fl-edukazzjoni u t-taħriġ għall-iżvilupp tal-ħiliet huwa essenzjali biex jissaħħu t-tkabbir u l-kompetittività. L-ewwel sfida hija li ċ-ċittadini kollha jitħeġġu jiksbu kompetenzi ewlenin trasversali, bħall-kompetenza diġitali, it-tagħlim kif wieħed jitgħallem, is-sens ta' inizzjattiva u intraprenditorija, u l-għarfien kulturali⁽¹⁰⁾.

⁽⁴⁾ EUCO 79/14, p. 15.

⁽⁵⁾ Programm tal-Presidenza Taljana "Ewropa – Bidu ġdid" p. 72.

⁽⁶⁾ Konferenza tal-Presidenza Latvjana, f'Riga fil-11-12 ta' Frar 2015 "Entrepreneurship in regions to strengthen the European Union's competitiveness".

⁽⁷⁾ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-intraprenditorija fl-edukazzjoni u t-taħriġ tat-12 ta' Diċembru 2014 (ĠU C 17, 20.1.2015, p. 2).

⁽⁸⁾ L-Aġenda ta' Oslo għall-Edukazzjoni Intraprenditorjali fl-Ewropa, 2006. http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/promoting-entrepreneurship/education-training-entrepreneurship/policy-framework/2006-conference/index_en.htm

⁽⁹⁾ Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ("ET 2020") (ĠU C 119, 28.5.2009, p. 2).

⁽¹⁰⁾ Skont l-Objettiv strateġiku 4 (ET 2020): It-tisħiħ tal-kreattività u l-innovazzjoni, inkluż l-intraprenditorija, fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009.

3.3. Il-konferenza tal-LMO dwar “L-Appoġġ għall-istart-ups sabiex jinholq tkabbir u impjegi” ⁽¹¹⁾ ukoll uriet biċ-ċar li l-edukazzjoni intraprenditorjali għandha titqies fil-kuntest aktar wiesa’ tal-ambjent soċjali. Id-dinja ambjent tan-negozju, madankollu, għandha tkun maħsuba biex tiffaċilita l-istart-ups, tnaqqas l-burokrazija, u toħloq opportunitajiet tax-xogħol. Inċentivi għall-fażi ta’ qabel il-bidu, l-istart ups u l-iżvilupp jistgħu jiġu marbuta b’mod effettiv ma’ firxa ta’ linji politiki attivi oħrajn fis-suq tax-xogħol attiv u jeħtieġ ukoll li jitqiesu fil-kuntest ta’ qafas usa’ ta’ appoġġ għan-negozju u l-iżvilupp tal-intrapriżi.

3.4. Ir-reviżjoni tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar ⁽¹²⁾ tirrappreżenta opportunità unika biex jissaħħu r-rabtiet bejn miżuri ffukati fuq l-SMEs u l-edukazzjoni intraprenditorjali bl-użu tal-istrumenti kollha disponibbli, bħall-COSME. Il-promozzjoni tat-titjib tal-ħiliet fl-SMEs u l-forom kollha ta’ innovazzjoni hija waħda mill-10 prinċipji gwida biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għall-SMEs fl-UE.

4. Ħiliet prinċipali

4.1. L-integrazzjoni tal-elementi tal-edukazzjoni intraprenditorjali fl-edukazzjoni u t-taħriġ għandha timmira li tipprovi lil kull min qed jitgħallim bil-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għall-intraprenditorja, irrispettivament mill-ġeneru, l-isfond soċjoekonomiku jew ħtiġijiet speċjali.

4.2. Minbarra l-ħiliet bażiċi bħall-qari, il-kitba u l-aritmetika, l-intraprenditorja teħtieġ l-iżvilupp gradwali ta’ firxa ta’ kompetenzi prinċipali kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-PE u tal-Kunsill tal-2006, fosthom sens ta’ inizjattiva u intraprenditorja u kapaċità biex l-ideat jissarrfu f’azzjoni. Dan jinvolvi l-kreattività, l-innovazzjoni u t-tehd tar-riskju kif ukoll il-kapaċità li wieħed jippjana u jimmaniġġja proġetti biex jilħaq l-għanijiet.

4.3. Il-komunikazzjoni b’lingwi barranin hija partikolarment essenzjali biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini Ewropej ikunu jistgħu jiċċaqilqu, jaħdmu, u jitgħallmu b’mod liberu fl-Ewropa u qed isiru dejjem aktar importanti għaż-żgħażgħ ⁽¹³⁾.

4.4. L-intraprenditorja diġitali hija kruċjali fl-era tas-Suq Diġitali Uniku għall-ħolqien ta’ impjegi ġodda, għal ideat innovattivi u għal raggruppamenti li jaċċelleraw il-pass tal-innovazzjoni. L-UE teħtieġ li tiżviluppa qafas ta’ politika li jippromovi l-ħiliet tal-ICT u jħeġġeġ lill-Istati Membri jitgħallmu minn xulxin dwar kif jistgħu jżidu n-numru u jtejbu l-kwalità ta’ gradwati b’ħiliet tal-ICT skont il-ħtiġijiet tal-kumpaniji.

4.5. Jeħtieġ li jiġi sfruttat il-potenzjal enormi tan-nisa u jiġi mistħarreġ l-approċċ uniku tagħhom ta’ tmexxija u l-immaniġġjar tan-negozji. L-Istati Membri, f’kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati rilevanti, għandhom jimplimentaw programmi li jiffukaw fuq in-negozju u l-iżvilupp ta’ ħiliet imprenditorjali, u l-involvement ta’ negozji mmexxija min-nisa f’katini ta’ forniment globali ⁽¹⁴⁾.

5. Kif tista’ ssir promozzjoni ta’ “mentalità intraprenditorjali”

5.1. Il-ħiliet intraprenditorjali huma importanti għall-ħajja b’mod ġenerali u sabiex il-persuni jkollhom kontroll aħjar tal-futur tagħhom. Il-ħiliet intraprenditorjali għandhom jiġu indirizzati fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, sa minn età bikrija biżżejjed, b’mod li jippermetti l-iżvilupp kontinwu tagħhom fi ħdan il-kurrikulu kollu.

⁽¹¹⁾ Il-35 Laqgħa tal-Osservatorju tas-Suq tax-Xogħol tal-KESE, 13 ta’ Novembru 2014.

⁽¹²⁾ COM(2008) 394.

⁽¹³⁾ Objettiv strateġiku tal-KE: (1) l-objettiv ta’ Barcellona maqbul fl-2002 mill-Kaprijiet ta’ Stat jew ta’ Gvern u (2) Stat jew Gvern. Il-Komunikazzjoni tal-2008 “Multilingwiżmu – valur u impenn” tagħti ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet tal-Kummissjoni f’dan il-qasam.

⁽¹⁴⁾ *Research Report 2013, Entrepreneurs: What can we learn from them? Part.2/3 – Inspiring female entrepreneurs*. CIPD (Chartered Institute of Personnel and Development).

5.2. L-istudenti kollha tal-iskola għandu jkollhom l-opportunità li jieħdu sehem fi programmi ta' esperjenza ta' xogħol biex jgħinu fl-iżvilupp ta' dawn il-ħiliet, u l-għodod żviluppanti biex jivvalutaw il-progress u juru l-kisba tal-ħiliet intraprenditorjali għandhom jiffokaw fuq it-titjib tal-kwalità tal-esperjenzi tax-xogħol futuri. Eżempju tajjeb huwa programm ta' ħidma Finlandiż li jipprovdi taħriġ relatati man-negozju flivelli differenti ta' edukazzjoni, "Yrittäjyyskasvatus"⁽¹⁵⁾.

5.3. L-edukazzjoni intraprenditorjali hija definita bħala "kollezzjoni ta' tagħlim formalizzat, li jinforma, iħarreġ u jeduka lil kull min hu interessat jipparteċipa fl-iżvilupp soċjoekonomiku permezz ta' proġett favur il-promozzjoni tal-intraprenditorija, il-ħolqien tan-negozju, jew l-iżvilupp tan-negozji ż-żgħar"⁽¹⁶⁾.

5.3.1. L-Ewropa llum qiegħda torbot it-tamiet kollha tagħha fuq il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' sistemi doppji u forom simili ta' tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol. L-Istati Membri li qed joperaw sistemi bħal dawn jiksbu riżultati tajbin fuq medda ta' żmien twil u l-livelli ta' qgħad taż-żgħażaġh tagħhom huma taħt il-medja tal-UE.

5.3.2. It-traineeships huma mezz importanti biex jiġu indirizzati l-qgħad u n-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet (skills mismatch), jew biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol. Għandu jkun hemm aktar appoġġ biex it-traineeships jiġu inklużi fil-kurrikuli tal-istudju⁽¹⁷⁾.

5.3.3. It-taħriġ intern, li għandu l-għan li jrawwem l-attitudnijiet intraprenditorjali tal-impjegati, u l-intraprenditorija soċjali/xprunata mill-impjegati, jista' jirrapreżenta eżempji li rnexxew ta' skemi ta' parteċipazzjoni tal-impjegati mmirati li jilħqu l-għanijiet ekonomiċi u soċjali tal-organizzazzjonijiet li jaħdmu għalihom.

5.3.4. Il-volontarjat jista' jkun esperjenza siewja għall-iżvilupp tal-ħiliet. Il-fornituri ewlenin tal-edukazzjoni mhux formali huma l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh. Permezz tal-programmi edukattivi tagħhom huma jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' għadd ta' kompetenzi trasversali, bħal pereżempju l-ħidma f'tim, il-ħiliet interpersonal, is-sens ta' inizzjattiva u t-teħid ta' riskji. Iż-żgħażaġh jistgħu jitgħallmu mill-iżbalji tagħhom fambjent sikur (għall-kuntrarju tad-dinja reali tan-negozju).

5.4. Fl-2012, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat rapport intitolat *Entrepreneurship education at school in Europe*⁽¹⁸⁾ li jiffoka fuq strateġiji nazzjonali, kurrikuli u riżultati tat-tagħlim. L-edukazzjoni fl-intraprenditorija bħalissa tiġi promossa f'bosta pajjiżi Ewropej u ġew adottati numru ta' approċċi differenti: (1) strateġiji/pjani ta' azzjoni speċifiċi li jiffokaw esklussivament fuq l-edukazzjoni fl-intraprenditorija, (2) strateġiji edukattivi u ekonomiċi usa' li jinkorporaw għanijiet għall-edukazzjoni fl-intraprenditorija, (3) inizzjattivi individwali jew multipli relatati mal-edukazzjoni fl-intraprenditorija.

5.5. Mhux kulħadd jitwieled biex ikun negozjant. L-ispirtu intraprenditorjali jiġġenera biss aktar alternattivi biex il-persuni jirnexxu fil-professjonijiet tagħhom. Iżda daww li għandhom talent fin-negozju u kuraġġ li jsarrfu l-ispirtu intraprenditorjali tagħhom f'azzjoni għandhom jiġu promossi.

5.5.1. L-inkubaturi tan-negozju huma ċentri għall-innovazzjoni u l-attivitatijiet ta' intraprenditorija. Dawn jinstabu f'ħafna universitatijiet u jipprovdu ambjent sikur fejn l-istudenti jkun jistgħu jirċievu gwida professjonali biex ideat kummerċjali jiġu konkretizzati fir-realtà u jieħdu riskji mingħajr impatt negattiv u kultura ta' falliment. L-istudenti fl-iskejjel tan-negozju li jkollhom inkubaturi jista' jkollhom rotta iktar diretta biex jissieħbu fi start-up jew iniedu n-negozju tagħhom stess.

5.5.2. Il-ħiliet intraprenditorjali jistgħu wkoll jinkisbu permezz ta' programmi tal-iżvilupp tal-ħiliet organizzati barra mis-sistemi ta' edukazzjoni ġenerali. Dawn il-programmi jistgħu jinkludu attivitatijiet ta' taħriġ u mentoring mogħtija minn għalliema bl-esperjenza, intraprendituri u esperti fin-negozju. Minbarra li jgħinu biex jiprovdu għarfien siewi dwar in-negozju lil intraprendituri potenzjali, jippermettulhom jiżviluppaw netwerk ta' kuntatti ma' intrapriżi u intraprendituri eżistenti.

⁽¹⁵⁾ Il-Ministeru tal-Edukazzjoni Finlandiż (2009), *Guidelines of entrepreneurship education* (Linji gwida dwar l-edukazzjoni intraprenditorjali), Helsinki.

Il-Ministeru Finlandiż għall-Impjeg u l-Ekonomija (2012), *Entrepreneurship review* (Rieżami tal-intraprenditorija) 2012.

⁽¹⁶⁾ Ara Unesco u d-definizzjoni ta' UNEVOC.

⁽¹⁷⁾ ĠU C 214, 8.7.2014, p. 36.

⁽¹⁸⁾ Eurydice, April 2012, *Entrepreneurship education at school in Europe*.

5.5.3. It-taħriġ fil-ħiliet intraprenditorjali li jingħata mill-kmamar tal-kummerċ u l-industrija madwar l-Ewropa juri diversi forom ta' taħlim u prattiki li jappoġġjaw lill-persuni fil-proċess ta' identifikazzjoni u tnedija ta' proġetti ta' bidu ta' negozju, identifikazzjoni u organizzazzjoni tar-riżorsi meħtieġa, u biex jassumu r-riskji marbuta mal-proġett: Entrepreneurial Skills Pass (l-Awstrija) ⁽¹⁹⁾, Startup@Campus (il-Belġju) ⁽²⁰⁾, Incuba' school (Franza), Long night of Start-ups (il-Ġermanja) ⁽²¹⁾, New Entrepreneurs Day (Spanja) u Bright and Young (il-Belġju) ⁽²²⁾.

5.6. Il-partijiet interessati u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jaqdu rwol ewlieni biex jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-implimentazzjoni u t-twettiq ta' inizjattivi mmirati sabiex jipromovu l-intraprenditorja u t-trawwim ta' mentalità intraprenditorjali. Eżempju wieħed hija l-Finnish Startup Sauna Foundation ⁽²³⁾, li twaqqfet minn intraprendituri Finlandiżi f'kooperazzjoni ma' diversi partijiet interessati pubbliċi.

6. Kif nirrikonoxxu l-ħiliet intraprenditorjali u nagħmluhom aktar trasparenti

6.1. Id-diffikultajiet kontinwi dwar ir-rikonoxximent u t-trasparenza tal-ħiliet u l-kwalifiki qed ifixklu l-iżvilupp ta' taħlita tajba ta' ħiliet u kwalifiki kif ukoll il-mobbiltà meħtieġa biex jintlaħaq tlaqqiġ aħjar bejn il-ħiliet u l-impjeggi sabiex tingħata spinta f'kompetittività u l-prospertà.

6.2. Ġew stabbilti diversi għodod fil-livell Ewropew bil-għan li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni permezz tat-trasparenza u r-rikonoxximent ta' ħiliet u kompetenzi miksuba permezz ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (ETV) u l-edukazzjoni għolja madwar l-UE ⁽²⁴⁾.

6.3. Barra dawn l-għodod, diversi inizjattivi għandhom l-għan li jegħlbu n-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet, speċifikament il-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjeggi (ESCO) u l-Panorama ta' Ħiliet tal-UE. Sabiex titrawwem il-mobbiltà, għandna wkoll il-qafas tal-Europass, inkluż is-CV tal-Europass u l-Passaport Ewropew tal-Ħiliet, u r-reviżjoni reċenti tad-Direttiva dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali ⁽²⁵⁾.

6.4. L-iżgurar ta' koerenza akbar bejn il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK), is-sistemi Ewropej ta' trasferiment ta' krediti (ECTS u ECVET) u l-klassifikazzjoni multilingwi tal-ħiliet Ewropej u l-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjeggi (ESCO) se jgħin biex tiżgura r-rikonoxximent tal-kwalifiki, il-validazzjoni ta' taħlim mhux formali u informali u l-iggwidar tul il-ħajja. Dan il-proċess għandu jibqa' komprensiv u għandu jkun akkumpanjat minn evalwazzjoni tal-istrumenti varji involuti sabiex tiżgura l-effettività tagħhom.

6.5. Il-Komunikazzjoni dwar ir-Reviżjoni tal-Edukazzjoni ⁽²⁶⁾ issemmi wkoll il-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti, evalwati u vvalidati l-ħiliet li l-persuni jiksbu barra mill-iskola, u b'hekk jingħata profil tal-ħiliet għal impjegaturi potenzjali. Ir-rikonoxximent tal-ħiliet żviluppati barra mill-iskola hija rilevanti fl-għażla ta' persuna għal impjeg; madankollu r-responsabbiltà ta' evalwazzjoni u validazzjoni tal-ħiliet m'għandhiex tingħadda lill-impjegaturi biss.

6.6. Barra minn hekk il-politiki u l-oqfsa li jappoġġjaw il-portabbiltà tal-kwalifiki huma ġeneralment relatati ma' leġislazzjoni eżistenti tal-UE, u bosta huma inizjattivi nazzjonali għall-validazzjoni tat-taħlim preċedenti fil-livell tal-Istati Membri. Analiżi sistematika u l-monitoraġġ ta' inizjattivi nazzjonali bħal dawn għandhom ikunu mmirati biex jidentifikaw prattiki tajbin u jipromovu t-taħlim reċiproku u prinċipji komuni ⁽²⁷⁾.

⁽¹⁹⁾ Entrepreneurial Skills Pass, Awstrija.

⁽²⁰⁾ Startup@Campus, il-Belġju.

⁽²¹⁾ Long night of Start-ups (il-Ġermanja).

⁽²²⁾ Bright and Young (il-Belġju).

⁽²³⁾ Teknologiateollisuus (2012), Uusi Startup-säätiö vauhdittamaan suomalaisia kasvuyrityksiä, Helsinki.

⁽²⁴⁾ Għodda ewlenija hija l-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-taħlim tul il-ħajja (QEK) li jikkonċerna t-tipi u l-livelli kollha ta' kwalifiki; l-għodod tal-ETV jinkludu s-Sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ECVET) u l-Qafas Ewropew ta' Referenza tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (EQAVET). L-istrumenti ta' edukazzjoni għolja jinkludu l-Istandards u l-Linji Gwida Ewropej dwar l-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Għolja u s-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti (ECTS).

⁽²⁵⁾ Direttiva tal-UE 2013/55/UE.

⁽²⁶⁾ COM(2012) 669 final.

⁽²⁷⁾ Abbażi tar-rapport li jmiss tal-Eurofound "Youth Entrepreneurship in Europe" tal-2015, EF 1507.

6.7. Il-KESE huwa favur il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għall-iżvilupp ta' qafas ta' referenza għall-kompetenzi fl-intraprenditorija fil-kuntest tal-Qafas tal-Kompetenzi Ewlenin, li janalizza l-kompetenzi skont il-partijiet kostitwenti tagħhom abbażi tad-deskrizzjoni u l-livelli tar-riżultati tat-tagħlim tal-QEK. Dan se jgħin biex jiġi żgurat approċċ ikkoordinat bejn il-livelli differenti tal-edukazzjoni u l-proċess ta' kunsiderazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali.

6.8. Il-KESE japprezza dawn iż-żewġ inizjattivi ta' kollaborazzjoni tal-KE u l-OECD:

1. **Entrepreneurship360**⁽²⁸⁾, li għandha l-għan li ssaħħaħ l-intraprenditorija fl-iskejjel u f'istituzzjonijiet tekniċi u vokazzjonali u tipprovdi strument ta' valutazzjoni proprja disponibbli b'xejn li se jappoġġja istituzzjonijiet u għalliema individwali billi jgħin om jiżviluppaw l-strateġiji u l-prattiki tagħhom għall-promozzjoni tal-intraprenditorija, u
2. l-għodda onlajn **HEInnovate**, li tgħin lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla biex jippromovu mentalità aktar intraprenditorjali u innovattiva f'kuntest internazzjonali⁽²⁹⁾.

7. Ir-rwol tal-għalliema, ta' min iħarreġ u l-mexxejja edukattivi

7.1. L-għalliema u l-edukaturi għandhom rwol kruċjali fl-iffaċilitar tat-tagħlim u t-tkattir tal-ideat. L-integrazzjoni ta' proċessi edukattivi u teknoloġiji tat-tagħlim ġodda fil-klassijiet mhix ħaġa sempliċi peress li dan jeħtieġ għalliema kwalifikati biex imexxu dan il-proċess⁽³⁰⁾. Huma għandhom jippromovu approċċi alternattivi u mhux formali għat-tagħlim, u japplikaw attitudni individwali.

7.1.1. Il-kwalità tal-għalliema u l-mentors hija essenzjali biex jiġi żgurat is-suċċess u l-effettività tal-programmi ta' taħriġ intraprenditorjali. F'dan ir-rigward, intraprendituri potenzjali li huma fl-istadji bikrija tal-ħajja kummerċjali tagħhom japprezzaw partikolarment l-esperjenza u l-għarfien ta' għalliema bl-esperjenza, aktar imprendituri anzjani, pereżempju li jistgħu jaqsmu l-esperjenzi tagħhom stess⁽³¹⁾.

7.1.2. Eżempju wieħed tal-effettività ta' programmi ta' taħriġ intraprenditorjali huwa l-programm organizzat mill-Fondazzjoni Nazzjonali għat-Tagħlim Intraprenditorjali tal-Irlanda⁽³²⁾ li tipprovdi taħriġ intensiv għal min iħarreġ sabiex l-għalliema u ħaddiema żgħażagħ fil-livell sekondarju jiksbu l-ħiliet u r-riżorsi meħtieġa biex jimplementaw b'suċċess it-taħriġ intraprenditorjali għaż-żgħażagħ. Parteċipanti li jtemmu b'suċċess dan il-programm jirċievu l-kwalifika Ħarrieġa Intraprenditorjali Ċertifikati (Certified Entrepreneurship Trainers – CETS).

7.1.3. Eżempju ieħor huwa l-Programm ta' Azzjoni tan-Netherlands dwar l-Intraprenditorija u l-Edukazzjoni (Dutch Action Programme Entrepreneurship and Education)⁽³³⁾, li għandu l-għan li jsaħħaħ l-ispirtu u l-attitudnijiet intraprenditorjali fost l-istudenti billi jintegra l-ħiliet u l-għarfien intraprenditorjali fi ħdan fis-sistema edukattiva tan-Netherlands. Il-programm huwa magħmul minn skemi differenti li l-għanijiet tagħhom huma li joffru firxa wiesgħa ta' attivitajiet għall-iżvilupp tal-ħiliet intraprenditorjali tal-istudenti fl-istadji differenti tal-karrieri edukattivi tagħhom kif ukoll jipprovdu korsijiet ta' taħriġ li jiffaċilitaw l-edukazzjoni intraprenditorjali għall-għalliema.

7.2. L-għalliema, min iħarreġ u l-mexxejja edukattivi għandhom ifittxu li jiżviluppaw il-kreattività u l-attitudnijiet innovattivi tagħhom stess, filwaqt li l-iskejjel għandhom joffru ambjent ta' tagħlim li jippromovi mentalità intraprenditorjali u li huwa miftuħ għall-komunità usa'.

7.3. F'Ġunju 2013, il-Kummissjoni ppubblikat *A guide for Educators (Gwida għall-edukaturi)*⁽³⁴⁾, dokument li jelenka lista ta' prinċipji bażiċi għal għalliema intraprenditorjali, tivvaluta r-riżultati kwalitattivi tat-tagħlim, it-tagħlim transkurrikulari, it-taħriġ għall-għalliema qabel u waqt is-servizz, il-mentoring, il-konsulenza, l-innovazzjoni fil-pedagoġija intraprenditorjali, u jippreżenta messaġġi ewlenin minn eżempji Prattiċi.

⁽²⁸⁾ The OECD Entrepreneurship360 project.

⁽²⁹⁾ HEInnovate.

⁽³⁰⁾ ĠU C 214, 8.7.2014, p. 31.

⁽³¹⁾ Abbażi tar-rapport li jmiss tal-Eurofound "Youth Entrepreneurship in Europe" tal-2015, EF 1507.

⁽³²⁾ NFTE programme.

⁽³³⁾ Programmi: Voortgangsrapportage Programma onderwijs en ondernemerschap u Landbouw en Innovatie, Brief Onderwijs en Ondernemerschap.

⁽³⁴⁾ Il-Gwida mħejjija minn ICF GHK għall-KE, DG Intrapriżi u Industrija "Entrepreneurship education – A guide for Educators".

7.3.1. L-istituzzjonijiet ta' taħriġ għall-għalliema intraprenditorjali għandhom jiżviluppaw kunċett edukattiv ċar, li jagħti lill-għalliema anke l-kapaċità li jgħallmu waqt li fl-istess ħin iqisu l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. L-edukazzjoni favur mentalità intraprenditorjali jeħtieġ li tiġi integrata fil-programm ta' studju bħala approċċ orizzontali u suġġett transkurrikulari.

7.3.2. Il-programmi ta' taħriġ għall-għalliema intraprenditorjali għandhom jimmotivaw lill-għalliema studenti biex jiżviluppaw l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet intraprenditorjali tagħhom stess.

7.3.3. Għandu jingħata appoġġ għall-iżvilupp ta' għodod diġitali u onlajn ħielsa u miftuħa għat-tagħlim tal-ħiliet intraprenditorjali u għall-esplorazzjoni ta' forom ta' kooperazzjoni mal-komunità ġenerali biex jiġu promossi għodod tan-neozju b'xejn kif ukoll taħriġ għal dawn l-għodod.

7.3.4. Il-mobbiltà tal-edukaturi madwar l-Ewropa hija importanti, partikolarment fl-edukazzjoni ogħla, permezz tal-Programm ta' Tagħlim għal Tul il-Ħajja tal-UE u/jew strumenti oħra, imfasslin apposta għal dan l-iskop. Jinħtieġu aktar mobbiltà u skambju tal-esperjenzi fl-Ewropa, mhux biss bejn l-universitajiet, iżda fejn applikabbli anke bejn id-dinja akkademika u dik tal-kummerċ. Jeħtieġ li jiġu żviluppati programmi li jippermettu li l-edukaturi jqattgħu żmien f'istituzzjonijiet oħrajn u/jew fis-settur privat biex ikunu jistgħu verament jipparteċipaw, jitgħallmu u jiżviluppaw.

8. Il-prinċipju tas-sħubija

8.1. In-neozji għandhom jiġu kkonsultati dwar il-formulazzjoni ta' attivitajiet ta' edukazzjoni intraprenditorjali. Dan huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li l-gradwati jkunu mgħammra bil-ħiliet li jeħtieġu biex jirnexxu. In-neozji għandhom jiġu mistiedna jipparteċipaw iktar ftahrig tal-manigera u tal-ħaddiema fl-oqsma ta' interpreditorja, kooperazzjoni u parteċipazzjoni fil-ġestjoni tal-organizzazzjonijiet tagħhom. In-neozji għandhom iħarrġu wkoll lill-ħaddiema tagħhom fil-ħiliet u l-għarfien ġdid meħtieġa kif ukoll fit-teħid tad-deċiżjonijiet f'kundizzjonijiet tax-xogħol li jippermettullhom aċċess għal dawn il-programmi ta' taħriġ. Barra minn hekk, huma għandhom jaħdmu mal-komunità edukattiva bil-għan li ż-żgħażaġh jkunu jistgħu jitgħallmu dwar is-suq tax-xogħol u jsibu posthom fih.

8.2. Ir-rabta bejn it-trejdjunjins u ż-żgħażaġh fil-qasam tat-taħriġ hija partikolarment importanti. It-trejdjunjins jistgħu jieħdu sehem fit-taħriġ taż-żgħażaġh f'ambjenti tax-xogħol differenti minn skejtel jew ċentri edukattivi. L-aktar ħaddiema ta' esperjenza u professjonali jistgħu jaħdmu ma' ħaddiema żgħażaġh, ħarrieġa u voluntieri bħala konsulenti u tuturi jew isiru għalliema f'faċilitajiet speċjali tal-apprendistat. Dawn ir-rabtiet ma' kumpaniji huma importanti għat-tagħlim taż-żgħażaġh dwar il-proċess tas-suq tax-xogħol u r-relazzjonijiet industrijali. It-trejdjunjins tal-għalliema huma riżorsa kritika għall-ħidma flimkien magħhom favur l-iżvilupp ta' f'fossil ta' politiki effettivi fl-edukazzjoni u t-taħriġ, iżda l-interfaċċa man-neozji hija kruċjali.

8.3. Fuq kollox, fil-kuntest tas-sħubija soċjali, l-impjegaturi u l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema għandhom jiġu involuti fit-tfassil ta' strateġiji nazzjonali ta' tagħlim tul il-ħajja u pjani ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Garanziji għaż-Żgħażaġħ. Il-KESE jappoġġja l-Qafas ta' Azzjoni dwar l-Impjeg taż-Żgħażaġħ ⁽³⁵⁾, żviluppat mill-imsieħba soċjali Ewropej.

8.4. Huwa kruċjali li jiġi żgurat l-involviment tas-soċjetà ċivili. Dan jista' jippermetti li diversi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (b'enfasi fuq in-nisa, iż-żgħażaġh, il-familji, il-persuni b'diżabbiltà, il-migranti, il-minoranzi u gruppi oħra) jiffokaw b'mod iktar effettiv fuq il-ħtiġijiet u l-prioritajiet ta' gruppi speċifiċi taċ-ċittadini fis-sistema edukattiva u fis-suq tax-xogħol.

8.5. Il-familja tkompli taqdi rwol importanti kif diġà jissemma fl-Opinjoni tal-Kumitat ⁽³⁶⁾.

⁽³⁵⁾ Framework of Action on Youth Employment.

⁽³⁶⁾ ĠU C 68, 6.3.2012, p. 1.

9. Użu effettiv ta' programmi eżistenti u ġodda

9.1. **Erasmus+** ⁽³⁷⁾, programm ġdid tal-Kummissjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport 2014-2020 għandu l-għan li jsaħħaħ il-ħiliet u l-impjegabbiltà, kif ukoll li jimmodernizza l-edukazzjoni, it-taħriġ u x-xogħol taż-żgħażaġh. Dan il-programm mifruq fuq seba' snin se jkollu baġit ta' EUR 14,7 biljun, li jirrappreżenta żieda ta' 40 % fil-livelli attwali ta' nfiq u jirrifletti l-impenn tal-UE li tinvesti f'dawn l-oqsma. Erasmus+ se jipprovdi opportunitajiet għal aktar minn erba' miljun Ewropew biex jistudjaw, jiksbu esperjenza ta' xogħol u jagħmlu volontarjat barra minn pajjiżhom. Dan huwa pass importanti li għandu potenzjal sinifikanti f'termini ta' appoġġ għall-edukazzjoni intraprenditorjali, pereżempju billi jħeġġeġ l-integrazzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-edukazzjoni u n-negozju f'Alleanzi ta' Għarfien għall-edukazzjoni għolja u f'Alleanzi ta' Ħiliet Settorjali għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

9.2. Dawn huma programmi u strumenti oħrajn li jappoġġjaw l-edukazzjoni intraprenditorjali fl-UE: **FSE** ⁽³⁸⁾, **ESCO – Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi** ⁽³⁹⁾, **COSME** ⁽⁴⁰⁾, **ORIZ-ZONT2020** ⁽⁴¹⁾, **l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ** ⁽⁴²⁾ u **Ewropa Kreattiva** ⁽⁴³⁾.

Brussell, is-27 ta' Mejju 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

⁽³⁷⁾ Erasmus+ (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

⁽³⁸⁾ ESF.

⁽³⁹⁾ ESCO.

⁽⁴⁰⁾ http://ec.europa.eu/cip/cosme/index_en.htm

⁽⁴¹⁾ http://ec.europa.eu/research/horizon2020/index_en.cfm?pg=home&video=none

⁽⁴²⁾ COM(2013) 0144 final.

⁽⁴³⁾ Creative Europe.